Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 3/2018

**Daniela Borg u Aaron Scicluna**
**(appellati)**

**Vs**

**Immagine Casa Limited**
**(appellanti)**

25 ta' Marzu, 2019.

1. **Il-konvenuta appellat minn deċiżjoni tat-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur fid-29 ta' Mejju 2018 li permezz tagħha s-soċjetà intimata illum appellanti ġiet ikkundannata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tlett elef ewro (€3,000) rappreżentanti diversi nuqqasijiet fl-għamara u fil-*fittings* li xtraw mingħandha, kif ukoll l-ispejjeż tal-proċeduri.**

2. Il-proċeduri fil-prim' istanza żvolġew kif ġej:

2.1. Permezz ta' Avviż ta' Talba ppreżentat fit-13 ta' Lulju 2017, l-appellati talbu lit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi jikkundanna lis-soċjetà intimata llum appellanti tħallashom is-somma ta' €3,500 għar-raġunijiet segwenti:

> '*mill-bidu li ġiet l-għamara kienet kważi kollha difetti u l-venditur (Immagine Casa) ġbidnilhom l-attenzjoni kemm il-darba u battnilhom ritratti ukoll saħansitra ċempilna u morna kemm il-darba imma għalkemm l-affarijiet huma taħt garanzija ma riedu la jbiddlu u lanqas jagħtu l-flus lura. Għalkemm din għamara ġdida diġa mimlija ħsara. Qalu ukoll li d-difetti fil-kxaxen huma difett tal-fabbrika u ma riedu jagħmlu xejn, kif ukoll cupboards, saqqu u rack tal-platti u headboard.*'

2.2. L-intimata wieġbet illi:

*'Is-sinjura Borg għoġobha tixtri mingħand is-soċjetà intimata kċina kompluta flimkien imma żewġt (2) kmamar tas-sodda (ara kopja tal-kuntratt datat 23 ta' Settembru 2016).*

*Illi wara l-installazzjoni ta' l-għamara (30 ta' Diċembru 2016) in kwisjoni l-klienta kienet ġiebet għall-attenzjoni tas-soċjetà intimata l-bżonn għall-bdil ta' partijiet minħabba ħsarat.*

*Is-soċjetà intimata mill-bidu nett offriet is-servizz immedjat tagħha sabiex fejn kien hemm bżonn ta' tiswija/bdil din issir mingħajr telf ta' żmien (ara rapport datat 09 ta' Marzu 2017).*

*Illi safejn hu possibbli, is-soċjetà intimata għarfet illi takkomoda lis-sinjorina Borg u tinnega kompletament li baqgħat passiva kif allegat.'*

2.3. B'deċiżjoni mogħtija fid-29 ta' Mejju 2018, it-Tribunal laqa' it-talba tar-rikorrenti u ordna lis-soċjetà intimata tħallas l-ammont ta' tlett elef ewro (€3,000), bl-ispejjeż kontriha.

3. Minn din id-deċiżjoni appellat is-soċjetà intimata in virtú ta' l-artikolu 22(2)(ċ) u l-artikolu 22(3) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta. Tilmenta:

i. illi ġie leż il-prinċipju '*audi alteram partem'* inkwantu hija ma ngħatat l-ebda opportunità effettiva u konkreta li tressaq il-provi tagħha u ssemma leħinha biex tirribatti għall-allegazzjonijiet tar-rikorrenti; u
ii. illi d-deċiżjoni appellata hija nieqsa minn motivazzjoni loġika.

4. L-appellati wieġbu li l-appell għandu jiġi miċħud u d-deċiżjoni appellata kkonfermata.

**Kunsiderazzjonijiet:**

5. Permezz tal-**ewwel aggravju** tagħha s-soċjetà appellanti essenzjalment tikkontendi li qabel is-seduta tal-20 ta' Marzu 2018 l-avukat tagħha, Dr. Mario Spiteri, kien iltaqa' mal-avukati tal-kontroparti, Dr. Paul Borg u Dr. Clint Tabone, u kien hemm qbil bejniethom li Dr. Borg kellu jidher quddiem it-Tribunal u jitlob differiment biex tiġi esplorata l-possibiltà ta' transazzjoni. Minkejja dan, fil-verbal tal-20 ta' Marzu, 2018 ġie vverbalizzat li l-intimat debitament notifikat u msejjaħ ma deherx filwaqt li r-rikorrenti ippreżentaw dokumenti li juru ħsara fl-għamara u trattaw il-każ li ġie differit għas-sentenza fuq il-provi li kien hemm, liema deċiżjoni ngħatat fid-29 ta' Mejju 2018. Ħaġa stramba li l-ġudikant sottofirmat qatt ma ra f'25 sena li ilu jahdem fil-qorti hu li l-avukat Dr Mario Spiteri, wieħed mill-avukati li ffirma r-rikors tal-appell, ikkonferma l-istess bil-

ġurament. Dan m'huwiex il-mod kif isiru provi quddiem din il-qorti, u fiċ-ċirkostani l-qorti mhi ser tagħtih l-ebda valur probatorju. Id-difensuri tal-appellanti jafu x'kellhom jagħmlu jekk fl-istadju tal-appell riedu jressqu provi. Pero' fl-uniku seduta li saret, dik tal-14 ta' Jannar 2019, id-difensuri tal-kontendenti ddikjaraw li ma kellhomx x'izidu ma' dak li hemm fl-atti u li l-appell jista' jibqa' differit għas-sentenza. Rikors tal-appell m'huwiex affidavit u lanqas prova sakemm l-appellat ma jammettix dak li jkun ġie ddikjarat fih. Ghaldaqstant, mingħajr eżitazzjoni tiddikjara li dak li għamel Dr Mario Spiteri m'huwiex prova ammissibbli skont il-liġi u għal din il-qorti qiesu qatt ma sar.

6. L-aggravju tal-appellata hu li l-jedd tagħha li ssemma leħenha dwar il-każ ġie miksur mit-Tribunal in kwantu '*ma kien hemm l-ebda okkażżjoni jew opportunità konkreta, vera u oġġettiva sabiex l-istess konvenuta tressaq il-każ tagħha quddiem l-Arbitru'* u li l-proċediment kien inġustifikatament frettuluż.

7. L-appellati da parti tagħhom jikkontendu li t-Tribunal effettivament mexa' skont il-liġi u d-dettami tal-ġustizzja naturali u ta' l-opportunità kollha lill-partijiet sabiex iressqu l-provi tagħhom. Iżda filwaqt li huma dejjem urew interess fil-każ, ħadd qatt m'attenda in rappreżentanza tal-appellanti fid-data u fil-ħin indikat. Jikkonċedu li huwa minnu li l-partijiet kellhom diskussjonijiet sabiex il-kwistjoni tiġi riżolta, iżda l-appellanti baqgħat ma għamlitilhom l-ebda offerta. Jgħidu li minkejja li l-appellanti kienet konxja li skont il-verbal tal-20 ta' Marzu 2018 il-każ mar għas-sentenza, ma ntavolat ebda rikors biex titlob li tressaq il-provi tagħha u għalhekk żgur li t-Tribunal ma jistax jiġi rinfaċċjat bl-aggravju ta' *audi alteram partem*. Lanqas ma huwa l-każ li t-Tribunal sema' u ddeċieda l-każ b' mod frettuluż u finalment hemm il-prinċipju ta' *justice delayed justice denied.*

8. Dan l-aggravju huwa fieragħ. Mill-atti jirriżulta li:

   8.1. fit-23 ta' Settembru 2016 l-appellati ordnaw kċina u żewġ kmamar tas-sodda mingħand l-appellanti versu l-prezz totali ta' €4,490.00;

   8.2. fit-30 ta' Diċembru 2016 saret il-kunsinna għajr għal *sink* li kellu jinġabar mill-appellati, filwaqt li fid-9 ta' Marzu 2017 saret l-istallazzjoni tal-'*kitchen top'.*

   8.3. fit-13 ta' Lulju 2017, l-appellati ppreżentaw l-każ tagħhom quddiem it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi;

   8.4. fit-22 ta' Awissu 2017, l-appellanti ppreżentat it-tweġiba tagħha;

8.5. fl-24 ta' Ottubru 2017 saret l-ewwel seduta u xehed ir-rikorrenti Aaron Scicluna. Ġie verbalizzat li *'aktar tard deher l-avukat tas-soċjetà intimata fejn talab illi jinstema' l-każ';*

8.6. **fit-12 ta' Diċembru 2017 saret it-tieni seduta u għaliha deheru r-rikorrenti biss. Peress li t-Tribunal innota li ħadd ma attenda għall-intimata minkejja li kienet debitament notifikata, ivverbalizza li ħa jgħaddi għas-sentenza fuq il-provi li hemm. Madanakollu aktar tard deher Dr. Mario Spiteri għan-nom tal-intimata u għarraf lit-Tribunal għalfejn m' attendiex fil-ħin. Il-każ kien għalhekk tħalla għas-6 ta' Marzu 2018;**

8.7. il-partijiet kollha ġew notifikati b' Avviż ta' Differiment għall-20 ta' Marzu 2018. Madanakollu għall-udjenza tal-20 ta' Marzu 2018 deheru biss ir-rikorrenti li ppreżentaw dokumenti li juru ħsara fl-għamara. Il-każ ġie trattat u deċiż fuq il-provi in atti;

8.8. fid-29 ta' Mejju 2018 ingħatat id-deċiżjoni llum appellata.

9. Isegwi minn dan illi l-appellanti kellha kull opportunità tiddefendi l-każ tagħha, iżda kienet <u>hija stess</u> li pprekludiet lilha nnifisha milli tagħmel dan meta hija naqset, seduta wara l-oħra, milli tidher fil-ħin appuntat għas-smigħ tal-każ biex tħares l-interessi tagħha u tressaq il-provi. Ta' riljev f'dan il-kuntest huwa l-verbal tat-12 ta' Diċembru 2017, fejn minkejja li hija ma kinitx dehret fil-ħin u l-każ kien diġà tħalla għas-sentenza, **it-Tribunal saħansitra kkonċedielha seduta oħra**.

10. Hekk kif imfisser mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Emanuel u Carmen konjuħi Ruġġier v. Joseph Oliver Ruġġier f'ismu propju u għall S.O.C. & K. Limited et*** deċiża fit-3 ta' Frar, 2009:

> *'... **id-dritt tal-konvenut li jidher għal-proċess ġudizzjarju u jiddefendi ruħu kontra t-talbiet li jsiru kontrieh ma jistgħax jitqies f'termini assoluti għaliex tali dritt jista' jiġi rrinunzjat**. Ir-retta amministrazzjoni tal-gustizzja tirrikjedi li jinstab bilanċ raġjonevoli bejn dan id-dritt ta' smigħ xieraq li kull konvenut huwa ntitolat għalih min-naha wahda, u bejn id-dritt tal-attur u l-interess tal-ġustizzja in ġenerali min-naħa l-oħra, sabiex il-proċess ġudizzjarju mibdi jkun jista' jieħu il-kors normali tiegħu. Jekk dan il-bilanċ ma jinstabx, il-proċess ġudizzjarju jista' jsir unikament dipendenti fuq il-volonta'*

*tal-konvenut, u b'hekk l-istess process jista' jisfa' indebitament intralċjat minn dak il-konvenut li jkun malintenzjonat.*[1]

11. M'hijiex skuża li l-appellanti ma deheritx għall-udjenza tal-20 ta' Marzu 2018 għaliex hija kienet taħt l-impressjoni li l-avukat tal-parti l-oħra kellu jitlob differiment sabiex jippruvaw jittranżiġu l-każ. M'hemmx prova ta' dan.

12. Ibda biex, minn imkien ma jirriżulta, u lanqas l-appellanti ma tgħid, li fil-frattemp hija avviċinant lill-appellati sabiex tipprova tindirizza b'mod konkret l-ilment tagħhom. Inoltre, l-appellanti kellha tħares l-interessi tagħha u jekk riedet titlob differiment, kellha tagħmel talba lit-Tribunal.

13. *Detto ció*, differimenti għandhom jingħataw biss *in via* eċċezzjonali u m' għandu qatt jiġi preżunt li talba għal differiment se tintlaqa' awtomatikament. Għalhekk, kieku stess l-appellanti kienet taħt l-impressjoni li l-parti l-oħra kellha titlob differiment, dejjem kienet fl-obbligu li tissalvagwardja l-interessi tagħha billi għallinqas tindenja ruħha tottjeni kopja tal-verbal sabiex tieħu konjizzjoni ta' x'ġara f' dik l-udjenza u għal meta u għal xiex ġie differit il-każ.

14. Iżda minkejja li d-deċiżjoni tat-Tribunal ingħatat fid-29 ta' Mejju 2018, ossija <u>aktar minn xahrejn wara s-seduta tal-20 ta' Marzu 2018</u>, mill-atti jirriżulta li l-appellanti ma ppreżentat l-ebda rikors sabiex it-Tribunal ma jatix is-sentenza u jaghtiha opportunita' ohra sabiex tressaq il-provi.

15. Dan l-aggravju qiegħed konsegwentement jiġi miċħud.

16. Permezz tat-**tieni aggravju** tagħha l-appellanti tilmenta mbagħad li d-deċiżjoni appellata hija nieqsa minn motivazzjoni loġika. Tgħid li din ma fiha l-ebda espożizzjoni tal-motivi tad-dritt applikabbli għall-każ in speċje u lanqas m' għandha motivazzjoni li tfisser sewwa sew kif it-Tribunal għażel li jakkolji t-talba tar-rikorrenti u jiċħad l-eċċezzjonijiet tagħha. Tikkontendi li minn kif imfassla s-sentenza appellata, hija ġiet privata li tipprova timpunjaha. Tippuntwalizza wkoll li: (i) kuntrarjament għal dak li ngħad fid-deċiżjoni appellata, hija qatt ma ressqet il-provi tagħha u għalhekk it-Tibunal qatt ma seta' jikkunsidra '*ix-xhieda tal-intimat*' kif riportat fid-deċiżjoni appellata; (ii) minkejja li t-talba tar-rikorrenti kienet għal €3,500, is-sentenza takkorda lill-appellati s-somma ta' €3,000 mingħajr motivazzjoni.

---

[1] Prinċipju li ġie mtenni fid-deċiżjoni fl-ismijiet ***Rea Ceramics Limited (C 23288) v. Kunsill Malti ghall-Isport u l-Avukat Generali ghan-nom tar-Repubblika ta' Malta ghal kull interess li jista' jkollha*** deċiża fit-18 ta' Lulju 2014

17. Huwa prinċipju affermat illi:

*'... jaqa' fil-kompetenza ta' l-ewwel tribunal il-kompitu esklussiv:-*

*i. li jindividwa l-fonti tal-konvinciment tieghu;*
*ii. li jezamina l-provi u jikkontrolla l-attendibilita` taghhom;*
*iii. li jaghzel minn fost ir-rizultanzi istruttorji dawk l-elementi ta' prova li hu jirritjeni l-aktar idoneji biex jiddemostraw il-fatti in kontestazzjoni;*
*iv. Li jaghti prevalenza lil certi elementi ta' prova fuq ohrajn;*

*F'dan kollu l-unika limitazzjoni imposta fuqu ex-lege hi dik li jaghti r-ragunijiet motivati li jsawru l-ezitu tal-procediment valutativ tieghu (Artikolu 218, Kapitolu 12)'*[2]

18. Bla dubju:

*'... kif pacifikament akkolt, il-motivazzjoni hi ta' essenza tal-gudizzju in kwantu kull sentenza hi mistennija li tiddefinixxi kif jixraq id-drittijiet u obbligi civili tal-partijiet. L-oghla Qorti ddecediet dan il-punt billi rriteniet illi, "it-trasparenza fil-gudikati li taghti u ssahhah l-awtorita` taghhom tista' temergi biss minn motivazzjoni adegwata. Motivazzjoni li kellha tkun tali li fil-minimu kienet tissodisfa fuq kollox il-partijiet in kawza fuq il-korrettezza fattwali u guridika tar-ragunijiet li wasslu ghad-decizjoni" - "**Gordon Agius -vs- Avukat Generali**", Qorti Kostituzzjonali, 20 ta' Dicembru 2000;*[3]

19. Il-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal kienu s-segwenti:

*'Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw diversi affarijiet mingħand is-soċjetà ntimata, fosthom kċina, u li kien hemm diversi nuqqasijiet illi t-Tribunal ħa konjizzjoni tagħhom.*

*It-Tribunal jinnota li s-soċjetà ntimata m'attendietx għal diversi seduti sabiex tikkontesta t-talba minkejja li kienet għamlet risposta bil-miktub.*

*It-Tribunal jinnota li l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibbli u aċċettabbli.*

*Għal dawn il-motivi:*

*It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-socejta ntimata tħallas l-ammont ta' tlett elef ewro (€3,000), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata'*

---

[2] ***Joan Montanaro vs BayStreet Hotel Complex Ltd u BayStreet Holdings Ltd***, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Ċivili, Inferjuri) fit-13 ta' Marzu, 2009.
[3] ***Zaren Clinton Minton vs Sovereign Hotels Ltd,*** Qorti tal-Appell, l-10 ta' Ottubru, 2005.

20. Il-qorti bla tlaqliq tiddikjara li din id-deċiżjoni fiha nuqqas ta' motivazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tas-somma li l-konvenuta kienet kundannata tħallas.

21. Mill-verżjoni li ta l-attur, li m'hijiex kontradetta, hu fatt li kien hemm ċertu difetti. L-attur xehed:

> *"…. Morna naraw żewġ kmamar tas-sodda u kċina, ftehmna kollox u ġew jieħdu qisien u hekk. Meta għamlu d-delivery kien nesa s-sink tal-kċina u kellu problema fil-forn. Wara ftit il-forn bdew jinqatawlu ċ-ċappetti mbagħad irrangawha. Il-kxaxen kellhom il-ħsara għax kellhom għafsa. Meta kont kellimthom kien qalli talli tħallas tieħu anki l-għoljin ikollhom id-difetti. Fi żmien ġranet wara waqt il-headboard u kelli nsewwija. Il-ħobb tal-kċina ħariġlu s-sadid".*

22. L-attur ippreżenta sensiela ta' ritratti fejn jidhru b'mod partikolari partijiet mill-kċina inkluż l-appliances u saqqu li jidher imqatta'.

23. Fir-rigward tad-difetti m'hemmx x'wisq x'jingħad għajr li hemm biss il-verżjoni tal-attur li m'hemmx raġuni għalfejn it-Tribunal kellu jiddubita minnha.

24. Jirriżulta li l-atturi xtraw mingħand il-konvenuta kċina, bil-*mixer* u *appliances* għall-prezz ta' €2,114; mejda għall-prezz ta' €178; siġġijiet għall-prezz ta' €92; Kamra tas-sodda bis-saqqu għall-prezz ta' €1,056; u kamra tas-sodda oħra b'żewġ sodod bis-saqqijiet u *bed side table* għall-prezz ta' €1,050. B'kollox erbat elef erba' mija u disgħin ewro (€4,490) skont stima datata 23 ta' Settembru, 2016. Dakinhar tħallset is-somma ta' €1,500 bħala depożitu. Il-konsenja saret fit-30 ta' Diċembru, 2016 u tħallas il-bilanċ tal-prezz.

25. Hu evidenti li l-atturi baqgħu jużaw l-affarijiet li xtraw mingħand il-konvenuta. Ovvjament difetti kien hemm, pero' dawn kienu prinċipalment fil-kċina li nxtrat għall-prezz ta' €2,114 bl-*appliances*. It-Tribunal ma spjegax kif illikwida s-somma ta' €3,000 meta l-prezz tal-kċina bl-*appliances* kien ferm inqas u l-attur qegħdin iżommu kollox u jidher li għadhom jagħmlu użu minnhom. Il-qorti tifhem li f'dan il-każ it-Tribunal kellu juża diskrezzjoni meta ġie biex jiddetermina l-ammont li kien dovut lill-atturi bħala tnaqqis fil-prezz li tħallsu. Dan iktar u iktar peress li ma kienx inkarigat espert sabiex jagħti opinjoni dwar id-difetti u kemm għandu jitħallas lura mill-prezz li l-appellati ħallsu lill-appellanti. Pero' meta tqies dak li ngħad hawn fuq, għall-qorti hu evidenti li t-Tribunal qabad u fajjar ċifra mingħajr ma kkunsidra fatti li huma rilevanti. Hemm nuqqas ta' motivazzjoni ċara fil-mod kif iddeċieda t-Tribunal. Dan ser iwassal lill-qorti biex tilqa' t-tieni aggravju sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad

hawn fuq u tgħaddi biex tiddeċiedi l-meritu skont ma jrid l-artikolu 22(4) tal-Kap. 378.

26. Wara li l-qorti qieset:

i. Il-prezz li tħallas għall-kċina bl-*appliances;*
ii. Id-difetti li ssemmew mill-attur u dawk li jidhru fir-ritratti;
iii. Il-fatt li l-oġġetti jidher li baqgħu jintużaw u l-kawża saret għall-ħlas lura ta' parti mill-prezz;

tillikwida s-somma ta' **elf u ħames mitt ewro (€1,500)** bħala l-ammont dovut mill-konvenuta lill-atturi.

**Għal dawn il-motivi tiddeċiedi l-appell billi:**

1. **Tiċħad l-ewwel aggravju;**
2. **Sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq tilqa' t-tieni aggravju u tħassar id-deċiżjoni tat-Tribunal għall-Talbiet tal-Konsumatur tad-29 ta' Mejju, 2018.**
3. **Tiddeċiedi l-meritu tal-kawża skont ma jrid l-artikolu 22(4) tal-Kap.378, billi tilqa' t-talba tal-atturi limitatament għas-somma ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500) u tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-atturi dik is-somma. L-imgħax jiddekorri mil-lum.**

**Spejjeż taż-żewg istanzi a karigu tal-konvenuti in kwantu kien in-nuqqas tagħhom li wassal għal dawn il-proċeduri u fil-meritu ħarġu telliefa.**

Anthony Ellul.